QALA

Ref Nru: 16

Il-minuti tas-sittax -il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 8 t’ Awwissu 2013, fis-7:00 ta’ fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta’ talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti ta’ l-erbatax -il laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti ta’ l-erbatax -il laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 L-attivita` *Hondoq by Night* 2013 u l-festa ta’ San Guzepp 2013.**

3.1 Is-Sindku semma li l-attivita’ *Hondoq by Night* 2013 kienet ghal darba ohra success. Huwa semma wkoll li kollox kien sew ghall-festa ta’ San Guzepp 2013.

**4 EAFRD mizuri 313 u 323.**

4.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni dwar il-progetti li qed isiru permezz tal-fondi tal-EAFRD mizuri 313 u 323. Huwa semma tal-mizuri 323 qed baqa` xi hitan tas-sajjieh xi jsiru. Dwar il-mizura 313 huwa semma li l-*ground* tal-*football* ezistenti gie mkabbar billi sar it-thammil. Issa jmiss ix-xoghol l-iehor. Huwa semma li s-*showcasing* li ser jigi installat fil-muzew folkloristiku huwa lest, kif ukoll il-*projector* li gie installat. Huwa semma li kull ma baqa` huwa l-*promotional material* u l-*audio visual.*

5 **Il-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp.**

5.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jghin lill-Kunsill fil-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp. Huwa semma li ser jipprova jitlob sabiex is-sodda tal-konkos isir mill-Ministeru. Huwa ser jara x'ghajnuna jista` jigi offrut mill-Ministeru imma il-problema hi li marbutin biz-zmien. Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha mal-Kurja fejn tawh kopja tad-*draft* tal-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Kurja dwar il-pjazza wara li jsir dan il-progett. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li fil-Pjazza hemm *shelter* u ssuggerixxa li jekk ma jittrangax ghalissa imqar jithalla miftuh, biex il-quddiem jekk il-Kunsill jiddecidi li jirrangah ikun jista`. Il-Kunsill iddiskuta li l-palm li hemm irid jinqala` u li l-problema li hemm huma s-sigar l-ohrajn li hemm madwar il-pjazza kollha.

6 **Il-Pjan Lokali ghal Ghawdex.**

6.1 Is-Sindku semma li l-aktar haga importanti hija li l-*outside development zone* tibqa kif inhi hlief ghal xi kazijiet li huma ragjunevoli bhal per ezempju ghalqa li hija bejn zewgt idjar u hija *outside development zone*. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li l-ewwel il-Kunsill ghandu jara l-proposti tar-residenti imbaghad wara l-Kunsill jiltaqa` mal-ufficjali tal-MEPA fejn jigu mressqa il-proposti tal-Kunsill li jkunu jinkludu dawk tar-residenti wkoll. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku semma li l-ewwel laqgha mal-ufficjali tal-MEPA ser isir ghada fil-10:30 ta' filghodu.

7 **Ir-restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.**

7.1 Is-Sindku semma li huwa flimkien ma ufficjali ta' Din l-Art Helwa ghamlu zjarja lill-Fortizza ta' Sant Antnin. Huwa semma li x-xoghol li fadal huwa it-tikhil u li ghal dan ix-xoghol ser tinhareg sejha ghall-offerti.

8 **Il-progett tad-distillatur li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.**

8.1 Is-Sindku semma li qed isiru xi disinni ghal-progett tad-distillatur li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li xi ufficjali mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma iltaqghu mal-Ministeru fejn informawhom li ma jixtiequx jitilqu ghal kollox id-distillatur imma jridu *area* zghira minnha ghal xi tip ta' *reverse osmosis*.

9 ***Qala International Folk Festival* 2013.**

9.1 Is-Sindku semma li ghada ser isir laqgha tal-Kumitat tal-*Qala International Folk Festival*. Huwa semma li din is-sena il-*festival* ser ikun mifrux fuq tlett ijiem minflok erbgha u b'hekk il-Kunsill jiffranka ftit mill-ispejjes li jkunu zejda. Huwa semma li grupp folkloristiku minn Sqallija huwa kkonfirmat u saret stedina lil grupp iehor minn Nepal imma ghadu mhux konfirmat.

**10 Attivita fuq il-Belvedere.**

10.1 Is-Sindku ssuggerixxa li ghandha jsir tombla u BBQ fuq il-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa. Gie diskuss li ghandu jsir jew tombla jew BBQ u mhux it-tnejn flimkien.

**11 Il-gazzetta tal-Kunsill.**

11.1 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill li jmiss.

**12 Materji ohra.**

12.1 Is-Sindku ssuggerixxa li peress li tqaxxar iz-zebgha tal-faccata tal-bini tal-Kunsill, ghandha terga tinzebagh mill-gdid u jinghata kulur differenti. Il-Kunsill qabel ma dan.

12.2 Il-Kunsillier Jesmond Borg staqsa dwar is-suggeriment tieghu li ghandha jsir talba sabiex it-trasport pubbliku jibda jinzel fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku semma li t-talba saret imma xorta wahda ghalxejn.

12.3 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-residenti li joqghodu fi Triq il-Wileg u f'parti minn Triq il-Mithna dwar trakkijiet li jghaddu kontra t-tabelli tal-*one way* ghat-trakkijiet.

12.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil min tikkoncerna, li l-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni ghall-applikazzjoni PA 702/13.

12.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-*Enforcement Unit* fil-MEPA, dwar diversi ilmenti dwar rampa tal-konkos li saret fi sqaq fi Triq il-Mithna, ezatt quddiem il-Mithna ta' Randu peress li din l-istess rampa giet mahruga 'l barra ghal fuq Triq il-Mithna.

12.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, dwar ilmenti fejn *caravans* u dghajjes li qed jithallew fil-*parking area* tal-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

12.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-awdituri Spiteri Bailey and Co bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2012.

12.8 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 3/2013. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

12.9 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-2 ta' Lulju 2013 sat-8 t' Awwissu 2013 minn referenza numru 111/13 sa referenza numru 142/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 26/2013 sa referenza numru 38/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

## 13 Korrispondenza.

13.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

13.2 Ittra mibghuta minn *Gozo Greyhounds Youth Athletic Club* dwar ghajnuna finanzjarja ghal maratona li giet organizzata bhala wahda mill-attivitajiet ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill.

13.3 *Memo* 17/2013, li diga` giet mibghuta permezz ta' *email* mill-Kunsill lil membri kollha tal-Kunsill, dwar skema ta' ghajnuna finanzjarja ghal *streaming* tal-laqghat *online*. Il-Kunsill issottometta applikazzjoni.

13.4 Ittra mibghuta minn Vincent Cassar mill-MCCAA fejn anness bghat ir-rapporti tas-spezzjonijiet li saru ghat-tieni darba fuq il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' u fuq il-*playing field* fi 'Gnien il-Familja'.

13.5 Avviz ta' seduta fit-tribunal ghal talbiet zghar 26/2013 KM2 G, Mercieca Eric vs Kunsill Lokali Qala, dwar xoghol li sar fis-sala tal-kommunita` tal-Kunsill.

13.6 Notifiki t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00197/13, ECF 00198/13, ECF 00195/13, ECF 00196/13, ECF 00194/13, ECF 00193/13 fejn b'dawn l-istess notifiki nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |